**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
[FL-ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI MSEJHA L-QORTI RIMANDANTI]

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Michel Thomas**

**Illum, 07 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat illi Michel Thomas, ta' 40 sena, imwieled il-Ġermanja nhar l-4 ta' Marzu 1985 detentur tal-karta tal-identità Ġermaniża bin-numru LFVC2JCFL tressaq taħt arrest peress li hu mfittex mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji fil-Ġermanja, pajjiż skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 276.05, u dan għall-finijiet ta' prosekuzzjoni;

Rat il-Mandat t'Arrest Ewropew datat is-07 ta' Jannar, 2025, maħruġ mill-*Amtsgericht Hof,* il-Ġermanja;

Rat iċ-Ċertifikat datat l-20 ta' Frar 2025 maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tar-Regolamenti 7 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), hawnhekk aktar 'l quddiem imsejjaħ l-"Ordni";

Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2025 il-Qorti ikkostatat illi l-persuna li tressqet quddiemha hija l-istess persuna li fil-konfront tagħha ġie maħruġ il-Mandat ta’ Arrest Ewropew u dan skont l-Artikolu 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 276.05;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-Mandat ta’ Arrest Ewropew (hawnhekk aktar ‘l quddiem imsejjaħ “MAE”) huwa regolat fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta’ Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta’ Ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta’ Frar 2009 liema Deċiżjoni Qafas tifforma l-bażi tal-liġi nostrana fir-rigward.

Illi l-Artikoli 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Qafas jistipolaw illi

> *1. Il-mandat ta’ arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta’ l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta’ persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta’ prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ sentenza ta’ kustodja jew ordni ta’ detenzjoni.*
>
> *2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta’ arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta’ rikonoxximent reċiproku u skond id-disposizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni Qafas.*

Illi l-prinċipju ġenerali li jifforma l-bażi tad-Deċiżjoni Qafas huwa spjegat fil-*Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant*[1] fejn hemm riportat is-segwenti:-

> *"The Framework Decision on EAW reflects a philosophy of integration in a common judicial area. It is the first legal instrument involving cooperation between the Member States on criminal matters based on the principle of mutual recognition. The issuing Member State's decision must be recognised without further formalities and solely on the basis of judicial criteria.*
>
> *The surrender of nationals is a principle and a general rule, with few exceptions. These exceptions concern the enforcement of custodial sentences in one's home country and apply equally to residents. In practice, about one fifth of all surrenders in the Union concern a country's own nationals."*

Illi l-prinpju hawn msemmi ġie wkoll adottat mill-Qrati tagħna fejn ġie ritenut illi l-preżunzjoni għandha tkun favur iċ-ċediment mill-Istat Rikjest lill-Istat Rikjedenti abbażi tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri.[2]

Illi *di più* il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ bl-isem ta' **Radu[3]** qalet illi:

> *"34. Għalhekk, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża li tistabbilixxi sistema ġdida simplifikata u iktar effikaċi ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati bi ksur tal-liġi kriminali, biex tiġi ffaċilitata u aċċellerata l-kooperazzjoni*

---

[1] **Commission Notice – Handbook on how to issue and execute a European Arrest Warrant** (C/2023/1270), datat 15 ta' Diċembru 2023, p. 10/166.

[2] Għal dan l-għan, issir referenza wkoll għas-sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminal To this end, reference is made to the judgement awarded by the Court of Criminal Appeal in the namesfl-imsmijiet **The Police vs Paul-Philippe Al-Romaniei**, decided on the 10th Junedeċiża fl-10 ta' Ġunju 2024 (EAW No.MAE Nru. 359/2024 NGS)

[3] Każ Nru C-396/11, **Ciprian Vasile Radu,** sentenza tad-29 ta' Jannar 2013 (Awla Manja) (para 34 -35).

*ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan mogħti lill-Unjoni li ssir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja billi tiġi bbażata fuq grad ta' fiduċja għolja li għandha teżisti bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, West, C-192/12 PPU, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

35 *Abbażi tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-Istati Membri għandhom bħala regola prinċipali jilqgħu mandat ta' arrest Ewropew."*

Aktar minn hekk, fil-każ magħqud fl-ismijiet **Aranyosi and Căldăraru**[4] il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea irriteniet illi:

"*79 Fil-qasam irregolat mid-Deċiżjoni Qafas, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, jiġi applikat fl-Artikolu 1(2), tad-Deċiżjoni Qafas, li konformement miegħu l-Istati Membri huma bħala prinċipju obbligati li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lanigan, C 237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

80 *Minn dan isegwi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta dan il-mandat biss fil-każijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja, previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas, jew nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, previsti fl-Artikoli 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas. Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew jista' jkun suġġetti għal waħda biss mill-kundizzjonijiet limitatament previsti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni*

[4] Każ magħqud C-404/15 u C-659/15 PPU, **Aranyosi u Căldăraru**, Sentenza tal-5 ta' April 2016 (para 79 -80).

> *Qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lanigan, C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).*"

Għalhekk, minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-prinċipju ġenerali sottostanti huwa li l-Istat Rikjest huwa marbut li jeżegwixxi MAE abbażi ta' fiduċja reċiproka u rikonoxximent reċiproku u jista' jkun rifjutat biss għar-raġunijiet speċifiċi elenkati fl-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas jew f' ċirkostanzi eċċezzjonali[5], għal raġunijiet kif speċifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-Ordni u l-qafas leġiżlattiv tagħna li jirregolaw dawn il-proċedimenti jsegwu l-istess prinċipji ġenerali kif deskritt hawn fuq.

Ili għalhekk, din il-Qorti, fl-eżami tagħha ta 'dawn il-proċeduri hija prekluża milli tiffoka fuq kwistjonijiet li ma jaqgħux strettament fil-motivi elenkati fl-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas jew fi kwistjonijiet misjuba fil-ġurisprudenza tal-QĠUE.

**Il-Formalitajiet tal-MAE:**

Illi r-Regolament 5(3) tal-Ordni jelenka l-elementi meħtieġa għal Mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni. Illi minn eżami tal-MAE odjern u dokumentazzjoni ta' sostenn, jirriżulta li l-MAE odjern jissodisfa l-formalitajiet stipulati mis-subregolamenti 5(3), (4) u (5) tal-Ordni.

Illi barra minn hekk, jirriżulta wkoll li l-Istat emittenti huwa pajjiż skedat skont l-Anness 2 tal-Ordni. B'żieda ma dan, miċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta Frar 2025, jirrizulta li l-awtorità li ħarġet il-MAE odjern għandha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-Ġermanja, billi huwa l-pajjiż rikjedenti f'dawn il-proċeduri.

[5] Ara f'dan is-sens ukoll C-216/18 PPU Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, **Minister for Justice and Equality** para 43 u l-każistika hemm ċitata, kif ukoll C-220/18 PPU Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, **Generalstaatsanwaltschaft**, para 56.

Illi għalhekk, abbażi ta' dan kollu, il-Qorti ssib li l-MAE preżenti huwa formalment korrett u jissodisfa l-elementi kollha stipulati mir-regolamenti hawn fuq imsemmija.

**Impedimenti għall-estradizzjoni:**

Wara li l-formalitajiet meħtieġa ġew kollha sodisfatti, il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk jeżistux, f'dawn il-proċeduri, impedimenti għall-estradizzjoni kif msemmija fir-Regolament 13 tal-Ordni.

Għalkemm matul dawn il-proċeduri l-persuna rikjesta ma ssolleva ebda wieħed mill-impedimenti għall-estradizzjoni elenkati fis-subregolamenti 13(1) tal-Ordni, huwa solleva b'mod indirett l-impediment elenkat fl-Artikolu 13A(1A)(ċ)(d) tal-Ordni. Filfatt huwa jislet l-argument illi bħalma din il-Qorti hija prekluża milli tordna t-treġġigħ lura ta' persuna jekk dik il-persuna tkun f'Malta minħabba estradizzjoni preċedenti minn pajjiż kemm skedat jew mhux skedat, allura din il-Qorti hija prekluża wkoll milli tibgħat lill-persuna rikjesta propju għaliex huwa mitlub minn Qorti oħra f'Malta. Jissottometti li l-Qorti trid tħares l-ispirtu ta' din id-disposizzjoni tal-liġi u għalhekk hija prekluża milli tordna t-treġġigħ lura tal-persuna rikjesta.

Il-Qorti ma tarax siwi f'din is-sottomissjoni. Illi l-proċeduri ta' MAE huma proċeduri formalissimi li jirrispekkjaw id-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' "*ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit"* li kieku l-liġi nostrana, jew id-Deċiżjoni Qafas, riedet li proċeduri mnieda fil-pajjiż eżekutanti jservu ta' impediment għall-estradizzjoni ta' persuna, allura l-liġi kienet tgħid espliċitament hekk.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma hemm l-ebda impediment għall-estradizzjoni għar-raġunijiet elenkati fis-subregolamenti 13(1) u (1A) tal-Ordni.

**Proċeduri Penali oħra:**

Illi jirriżulta mill-atti li l-persuna rikjesta qiegħed preżentement jiffaċċja akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura

diversament ippresjeduta. Jidher mill-atti ppreżentati li dawk il-proċeduri għadhom pendenti.

Illi skont l-Artikolu 28A tal-Ordni, jekk il-Qorti tiġi mgħarrfa illi l-persuna rikjesta hija akkużata b'reat f'Malta bbażat fuq kwalunkwe att għajr l-att li fuqu huwa bbażat il-MAE, il-Qorti tista' tipposponi l-konsenja tal-persuna rikjesta sakemm tiġri waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 28A(2)(a) tal-Ordni.

Illi l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m 'għandhiex tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fil-konfront tal-persuna rikjesta.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, ai termini tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), qed tiddeċiedi li t-treġġiħ lura ta' **Michel Thomas** lejn il-Ġermanja **<u>m'huwiex impedut</u>** u għalhekk, ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni msemmija:

1. Qed tordna li **Michel Thomas** għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiħ lura lejn il-Ġermanja, bħala pajjiż skedat minn fejn inħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew odjern;

Skont ir-Regolament 25 tal-Ordni msemmija, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti qed tinforma lill-estradat li:

2. M'huwiex se jiġi mreġġa' lura lejn il-Ġermanja qabel ma jgħaddu sebat' ijiem mid-data ta' din l-Ordni ta' kustodja;

3. Huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din id-Deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u

4. Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, (Kap. 276 tal-Liġijiet ta Malta), ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att

dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ u dan id-dritt qiegħed minn issa jiġi riżervat a favur tal-persuna rikjedenti anke abbażi ta' dak espost f'din id-deċiżjoni.

MADANAKOLLU, skont l-Artikoli 28A(1) u (2) tal-Ordni, il-Qorti qed tipposponi l-konsenja ta' Michel Thomas sakemm tiġri xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) isir mill-akkuża;
(ii) l-akkuża tiġi rtirata;
(iii) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;
(iv) il-proċedimenti jiġu differiti *sine die*:

u dan fir-rigward tal-proċeduri pendenti li l-persuna rikjesta qed tiffaċċja bħalissa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew kwalunke Qorti oħra b'rabta ma dawk il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**